**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 176/2020 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Trevor Micallef)**

**vs**

**Musaqad Hajeji**

**Illum 28 ta' Gunju 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Musaqad Hajeji, bin Musaqad u Muhassin nee Mustafa, imwieled is-Sudan nhar is-6 ta' Mejju 1985, u joqghod China House, Birzebbuga, detentur tan-numru tal-Pulizija 19U-056.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar it-12 ta' Mejju 2020 ghal habta tal-erbgha ta' wara nofs-in-nhar (4.00pm), barra l-Laboratorju tal-Paci, Triq Hal Far, Birzebbuga u/jew fil-vicinanzi;

1. Volontarjament, hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta' Paolo Mintoff u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema hsara tiskorri l-elfejn u hames mitt euro (2500) Art 325 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti ikkaguna dannu lil jew qered propjeta' kulturali sew tali propjeta' kulturali hi sew jekk ma hix registrata f'xi inventarju skont dan l-Att u kemm jekk is-sid ta' tali propjeta' ta' patrimonju kulturali hu l-persuna li kkaguna l-hsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qeghda tamministraha b'mod legittimu (Art 70(1)(a) tal-Kap 445)

3. Akkuzat aktar talli renda ruhhu recidiv ai tenut tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 13 ta' Mejju 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' rapport tal-okkorenza, dikjarazzjoni tal-imputat, stqarrija tal-imputat, vera kopja ta' sentenza mghotija fis-27 ta' Settembru 2019, dettalji personali tal-imputat, rapport tal-Perit Ruben Abela, certifikat mediku mahrug minn Dr Mark Aquilina.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil PS 816 Sean Vassallo, Father Dionisio Mintoff, Aldawway Abdou Alrahman Hussain, Spettur Trevor Micallef, Perit Ruben Abela, Assane Diop, Dr Mark Aquilina, Maria Dolores Fenech.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 8 ta' Gunju 2021 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 325(1)a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 70(1)(a) tal-Att dwar il-patrimonju Kulturali, Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tas-17 ta' Settembru, 2021 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghet ix-xhieda.

Ikkunsidrat:

Illi fit-12 ta' Mejju 2020 ghal habta tal-4.30 ta' wara nofs-inhar li kienet gurnata tal-Hadd waqt li Fr. Dijonijsu Mintoff kien qieghed iqaddes fil-knisja sema' hsejjes kbar fejn ftit wara xi hadd beda jghajjat biex johrog. Huwa ra persuna li qatt ma kienet giet gewwa l-Laboratorju tal-Paci. Sema' lil xi hadd jghid lil din il-persuna ghala kien qieghed jaghmel hekk u dak il-hin kien qieghed jitbissem. Kif kien qieghed inaddaf ra li xi hadd kien kiteb hafna kliem bl-Gharbi. Gie nnotat li kienet giet miksura statwa ta' San Mikiel waqt li hdejn l-istatwa ta' San Frangisk kien hemm lupu u naghga li spicca kissirhom. L-istawa ta' San Mikiel hija ta' Ganni Bonnici u l-propjetarja taghha hija l-Knisja. Din l-istatwa giet fil-Laboratorju tal-Paci sa mis-snin sebghin wara li kienet taghmel parti mill-Kullegg li nbiegh lil Libjani. Minn din l-istatwa kull ma kien kien baqa' kien biss ras u sieqa. Barra minn hekk kisser ukoll in-nghaga u l-lupu kif ukoll kiteb xi kliem fuq l-istatwa. Fil-fatt kienu gew ukoll tal-Heritage li gabru kollox. Din l-istatwa tal-ahhar kien ghamilha Anton Agius. Jirrizulta li dawn l-istatwi inkistru mill-imputat b'gebla, u kien hemm residenti tal-Laboratorju tal-Paci li hargu biex izommu lill-imputat sakemm gew il-Pulizija.

**Ikkunsidrat**

L-akkuza tal-hsara volontarja

Illi l-ewwel akkuza kontra l-imputat hija dik tal-hsara volontarja li ghamel fuq l-istatwi li kien hemm gewwa l-Laboratorju tal-Paci f'Birzebbuga. Illi f'dan il-kaz skont l-akkuza l-hsara teccedi s-somma ta' 2500 Euro. L-artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid espressament li:

> *(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati –*
>
> *(a) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba snin;*

Illi mill-provi mressqa min-naha tal-prosekuzzjoni hemm indikat li fl-istess stqarrija tal-imputat li kien anki prezenti interpretu u kien tkellem ma' avukat ta' fidicja tieghu. Huwa fil-fatt meta gie mistoqsi dwar dak li ghamel, ammetta li kien kiteb xi kliem u anki kien kisser xi statwi li kien hemm gewwa l-

Laboratorju tal-Paci. Illi madankollu, hareg bic-car minn diversi xhieda okulari li raw lill-istess imputat jikteb u jkisser l-istatwi li kien hemm fil-Laboratorju tal-Paci. Illi kien ghalhekk li dawn l-istess xhieda kienu zammu lill-imputat biex ma jahrabx minn fuq il-post sakemm waslet il-Pulizija u spicca arrestat minn hemm.

Bla dubju ta' xejn kemm minn dak li qal l-istess imputat kif ukoll mix-xhieda okulari li rawh ikisser l-istatwi, il-prosekuzzjoni rrnexxiela tipprova sa grad rikjest mill-Ligi dwar din l-imputazzjoni tal-hsara volontarja li saret fuq l-istatwi. Illi issa jibqa dak li hemm fl-istess artikolu 325 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-valur tal-hsara li sehhet fuq l-istatwi.

Illi f'dawn il-proceduri xehed il-Perit Ruben Abela li mill-istess rapport tieghu hareg li huwa kien gie mqabbad mill-Magistrat tal-Ghassa Dr Victor Axiak sabiex jevalwa l-hsarat li saret fuq l-istatwi. Illi mill-istess rapport esebieti jidher li huwa ma semma xejn dwar l-ammont bhala valur tal-hsara li sehhew fuq dawn l-istatwi. Illi bla dubju ta' xejn dawn l-istess statwi huma storici u anki marbuta mal-istorja ta' pajjizna. Illi pero l-artikolu 325(1)(a) anki kwotat mill-istess Avukat Generali fin-nota tar-rinvijiu jaghmel referenza ghal dan l-artikolu. Illi pero' fuq nuqqas ta' prova l-Qorti ma tistax issib htija taht dan l-artikolu u ghalhekk sejra taghmel referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 325(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jghid:

> *(2) Jekk minħabba n-natura jew importanza ġeoloġika, paleontoloġika, arkeoloġika, arkitettonika, artistika jew storika talproprjetà mħassra, danneġġata jew mgħarrqa ma jkunx possibbli li l-ħsara titqies skont ir-regola stabbilita fl-artikolu 335, il-ħsara għandha titqies li tkun ta' aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).*

Illi ghalhekk f'dan il-kaz tammonta ghal aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69). Illi f'dan il-kaz din il-parti ta' dan l-artikolu ma taghti ebda massimu izda li huwa aktar. Illi ghalhekk f'dan il-kaz maghdud mal-artikolu 325(1)(a), l-artikolu 325(2) ghandu japplika ghal dan l-iskop dwar sejbien ta' htija li l-ammont ta' hsara taqbez f'dak li hemm stipulat. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' din l-akkuza.

L-akkuza taht il-Kap 445 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi l-artikolu 70 tal-Kap 445 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel referenza ghal dawk ir-reati li jsiru fuq il-wirt patrimonjali ta' pajjizna. Illi dan l-artikolu jispecifika hekk

> *(1) Kull min:*

> *(a) xjentement, jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' osservanza ta' regolamenti jikkaġuna dannu lil jew jeqred proprjetà kulturali sew jekk tali proprjetà kulturali tkun sew jekk ma tkunx reġistrata f'xi inventarju skont dan l-Att, u kemm jekk is-sid ta' tali proprjetà ta' patrimonju kulturali jkun il-persuna li tkun ikkaġunat il-ħsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qegħda tamministraha b'mod leġittimu;*

Il-piena stabbilita f'dan il-kaz hija ta' multa jew inkella ta' prigunerija ta' massimu ta' sitt snin. Illi rigward il-multa m'ghandhiex tkun anqas mill-valur tal-hsara li giet ikkagunata biex jigi rimedjat ix-xoghol. Illi pero' f'dan il-kaz il-Qorti ma kellhiex quddiema l-ammont tal-valur tal-hsara li giet ikkagunata u ghalhekk ma tistax hi minn jeddha tistabilixxi l-ammont. Illi pero' f'dan il-kaz, il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni kif intqal hawn fuq, rigward l-ewwel akkuza irnexxiela tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u dan anki ghal fatt minn dak li hareg fir-rapport tal-istess Perit.

Recidiva

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll li huwa rrenda ruhhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kpa 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jidher mis-sentenza esebieta tas-27 ta' Settembru 2019 u kif konfermata mill-istess Assistant Registratur tal-Qrati li hija fil-konfront tal-imputat. Illi f'dan il-kaz l-imputat kien gie misjub hati u nghata sitt xhur prigunerija. Illi f'dan il-kaz ai fini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-istess imputat hati talli rrenda ruhhu recediv.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-artikoli 17, 31, 533, 49, 50 u 325(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 70(1)(a) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra l-imputat Musaqad Hajeji, u peress li l-ewwel u t-tieni akkuzi huma alternattivi ghal xulxin, fuq sejbien ta' htija u stante wkoll li huwa gie misjub hati li l-imputat Musaqad Hajeji irrenda ruhhu recediv, qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' seba (7) snin prigunerija li minnu ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-hati ghamel bhala arrest preventiv.

Dr. Caroline Farrugia Frendo

Magistrat

Maria Grech Cardona

Deputat Regisgtratur